MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-8 ta' April, 2005

Rikors Numru. 124/2005

**John A. Scicluna bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza tal-Korporazzjoni Telemalta**

**vs**

**Charles Schembri**

Il-Qorti:

Rat l-att tar-rikors li bih is-socjeta' rikorrenti ippremettiet illi:

L-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Cit Nru. 500/90AD) giet deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Jannar, 1991, u fl-istess kawza l-konvenut gie ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm1396.23 (elf tlett mija sitta u disghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 641777, bl-imghax u bl-ispejjez.

Permezz ta’ digriet ta’ din il-Qorti datat 3 ta’ Marzu, 1999 f’Rikors Nr. 2664/98RCP l-effetti ta’ din is-sentenza gew prorogati.

Is-socjeta’ Maltacom p.l.c. illum issuccediet dik li qabel kienet il-Korporazzjoni Telemalta u ghalhekk hija l-istess socjeta’ rikorrenti li llum ghandha interess fil-kawza indikata fl-ismijiet fuq premessi.

Mill-imsemmija somma l-konvenut ma hallas xejn, u b’hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, *oltre* Lm208.04 (mitejn u tmien liri u erba’ centezmi) spejjez u drittijiet professjonali skond l-annessi taxxi mmarkati Dok *“A”* u *“B”*, flimkien ma’ Lm1396.23 (elf tlett mija sitta u disghin lira u tlieta u ghoxrin centezmu), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tas-sentenza sal-25 ta’ Novembru, 2004, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta’ Lm3000.50 (tlett elef lira hamsin centezmu), salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta’ esponenti ghandha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-artikolu 258 *et sequitur* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lill-intimat li naqas li jipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet u hekk baqa’ kontumaci;

Semghet l-Avukat tas-socjeta’ rikorrenti;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fir-rikors tirrizulta pruvata u gustifikata.

Fil-kontumacja tal-intimat tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti kif dedotta fir-rikors bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------